MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2012

Talba Numru. 250/2012

**GO p.l.c. [C-22334]**

**vs**

**Ahmet CELEBI [ID. Nru. 52850(A)]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mis-socjeta rikorrenti fit-23 ta' Marzu, 2012** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand l-intimat, tas-somma ta' seba mija tnejn u tmenin euro u wiehed u ghoxrin centezmi ta' euro [€782.21] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi l-konvenut ghandu jaghti lis-Socjeta Attrici s-somma ta' seba' mija tnejn u tmenin Ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€782.21) in konnessjoni ma' Bundle Service Agreement Home Pack 33 (AC 40137649), u li jinkludi telefon 21371113; servizz ta' televisjoni 1425088302 u 1425088303, u servizz ta' ADSL, liema servizzi gew

ikkuntrattati permezz ta’ kuntratt datat 12 ta’ Settembru, 2009.

Illi nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-imghax u bl-ispejjez.”.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-intimat gie debitament notifikat bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna wara li giet segwita l-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni skond il-ligi, ma kkontestax it-Talba fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar it-18 ta’ Settembru, 2012, ta’ nhar it-18 ta’ Ottubru, 2012 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta rikorrenti fis-seduta mizmuma quddiemu nhar it-18 ta’ Ottubru, 2012 u l-fatt li l-intimat naqas li jidher illum sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta rikorrenti tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-intimat jhallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta’ seba mija tnejn u tmenin euro u wiehed u ghoxrin centezmi ta’ euro [€782.21], bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-intimat fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------